MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1603/2002

**M.D. Said & Brothers**

**vs**

**Michael Delia**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm338.98c (tliet mija, tmienja u tletin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) dovuti bhala bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz fil-bejgh lill-istess konvenut ta' diversi merci u materjali ta' kostruzzjoni, kif ukoll is-somma ta' Lm10.00c (ghaxar liri Maltin) dovuti bhala spejjez t'ittra legali datata 26 ta' Novembru 2001 u konsult.

Bl-ispejjez tal-prezenti, oltre l-ispejjez fuq imsemmija, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lill-Mary Said tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm338.98c (tliet mija, tmienja u tletin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**